MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 23/2007

**MWJ Co. Ltd (C 29437), u**
**ta' Noel Mifsud (K. I 550574M),**
**ghal kull interess li jista' jkollu.**

**vs**

**Amabile Camilleri (K.I. 764153M) u**
**Anna Camilleri (K. I. 25855M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

1. Illi s-socjeta' esponenti timporta merkanzija ta' xorb, sabiex jinbiegh fuq is-suq lokali, u ricentement, tramite d-direttur taghha Noel Mifsud kriet garaxx li jinsab fi Triq il-

Gdida fi Triq Hal Mula, f'Haz-Zebbug, proprjeta' ta' l-intimati sabiex izzomm il-merkanzija taghha f'dan il-garaxx.

2. Illi f'Dicembru 2006, arbitrarjament, klandestinament u minghajr ebda raguni valida l-intimat Amabile Camilleri, approprja ruhu minn din il-merkanzija li kienet tinsab fil-garaxx mikri, u mpedixxa lis-socjeta' esponenti sabiex tirriprendi l-pussess legittimu tal-proprjeta' taghha.

3. Illi l-valur ta' din il-merkanzija, rapprezentanti diversi konsenji ta' nbid, huwa ta' cirka Lm12,000 (tnax-il elf lira Maltin) u l-intimat Amabile Camilleri approprja ruhu minn din il-merkanzija proprjeta' ta' l-esponenti, cahhad lill-esponenti minn din il-merkanzija u mpedixxa access ghal din il-merkanzija, b'konsegwenza li l-esponenti tilfet il-bejgh ta' din il-merkanzija, u sofriet danni konsegwenzjali mal-klijenti taghha, stante li l-esponenti kienet prekluza li tonora l-obbligazzjonijiet mal-klijenti taghha, minhabba l-agir abitrarju ta' l-intimat Amabile Camilleri.

4. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jirritorna l-merkanzija proprjeta' tas-socjeta' esponenti l-intimat Amabile Camilleri baqa' nadempjenti, u baqa' jcahhad lill-esponenti milli tirriprendi l-pussess tal-merkanzija taghha.

5. Illi attwalment, is-socjeta' esponenti ghadha ma nghatatx il-merkanzija proprjeta' taghha, jew alternattivament, l-ekwivalenti fil-valur ta' din il-merkanzija.

6. Illi l-esponenti Noel Mifsud jaf personalment bil-fatt hekk dikjarati u debitament enumerati.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(a) Tiddikjara l-agir ta' l-intimat Amabile Camilleri bhala wiehed abbuziv, klandestin u llegali fil-konfront tas-socjeta' esponenti, u fil-konfront ta' l-esponenti Noel Mifsud, u tordna lill-istess intimati jhallsu s-somma ta' Lm12,000 (tnax-il elf lira Maltin) jew kwalsiasi somma

ohra verjuri rapprezentanti merkanzija proprjeta’ tas-socjeta’ esponenti, lis-socjeta’ rikorrenti.

(b) Prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja tordna lill-intimati jhallsu s-somma ta’ Lm12,000 (tnax-il elf lira Maltin), lis-socjeta’ esponenti, jew kwalsiasi somma ohra verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti anki permezz ta’ periti nominandi ghal dan l-iskop, rapprezentanti l-merkanzija proprjeta’ tas-socjeta’ esponenti.

(c) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ esponenti bhala rizultat ta’ l-azzjoni llegali, klandestina, abbuziva u arbitrarja ta’ l-intimati.

(d) Tikkundanna lill-intimati jhallsu dik is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni lill-esponenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-Mandat ta’ Sekwestru datat 28 ta’ Dicembru, 2006, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ta’ l-intimat** a fol. 8 tal-process fejn espona:

Illi huma kienu jikru lis-socjeta’ rikorrenti l-garage li jinsab fi triq gdida li tizbokka fi Triq Hal-Mula, Haz-Zebbug versu l-kera ta’ Lm1,300 fis-sena liema kera kellha tithallas kull tlett xhur bil-quddiem.

Illi s-socjeta’ rikorrenti naqset milli thallas il-kera ta’ Gunju u ta’ Settembru 2006 puntwalment u kien hemm ammont dovut ta’ Lm650.

L-esponenti talab lis-socjeta’ rikorrenti sabiex thallas din il-kera diversi drabi izda din baqghet inadempjenti. Imbaghad meta pprova jfittex lil Noel Mifsud li huwa d-direttur tal-istess kumpanija ma seta’ jsibu mkien u ghalhekk l-esponenti ghamel katnazz mal-bieb tal-garage ghall-ahhar ta’ Novembru 2006 biex b’hekk jibghat

messagg lill-istess kumpanija biex ir-rapprezentanti taghha jkellmu lill-esponenti

Izda fil-fatt dan ma garax u l-ghada fil-ghodu l-esponenti sab il-katnazz imqaccat. Meta l-esponenti ra hekk rega' nkariga welder biex jaghmel bracket iehor u ghamel katnazz akbar u din id-darba cempillu Noel Mifsud ghan-nom tal-kumpanija rikorrenti li lmenta dwar dan.

L-esponenti nfurmah li huwa ried il-kera u f'dak il-hin Noel Mifsud infurma lill-esponenti illi kien ser jieqaf mill-kirja u jiehu l-merkanzija li kien hemm gol-garage.

L-esponenti accetta li jsir hekk pero' nsista li l-kumpanija thallsu s-Lm650. Ftiehmu l-gurnata biex il-kumpanija tigi tiehu x-xoghol u fl-istess hin sabiex din thallsu Lm650 izda fil-fatt minn Lm650 hija hallset biss Lm200 u sadanittant il-kumpanija bdiet tiehu x-xoghol.

Beda jiehu x-xoghol, imbaghad fil-prezenza ta' Roderick Agius anke qal li kien ser jigi 'l-ghada u jiehu l-kumplament tax-xoghol u jhallas il-bilanc ta' l-Lm450. Fl-istess zminijiet inqala' bniedem li kien interessat li jikri l-garage in kwistjoni u l-esponenti nfurma lill-kumpanija u ghalhekk il-kumpanija halliet il-garage miftuh, b'intiza li l-ghada l-kumpanija tigi tiehu l-merkanzija biex hekk il-garage ikun battal u jhallas il-bilanc.

Izda l-ghada ma giex u fil-fatt imbaghad l-esponenti cempel lil Noel Mifsud xi erbat ijiem wara u qallu 'ejja hu l-affarijiet u hallasni l-bilanc'. Mifsud irrisponda 'l-affarijiet nigi ghalihom pero' l-bilanc ma nhallsux u minflok naghmillek karta li ghandha ttik' izda l-esponenti nfurmah li ma riedx karti izda ried flus.

Is-sitwazzjoni baqghet tkarkar u sadanittant il-bniedem li kien imhajjar ghall-garage ikkonferma li ried jiehu l-garage u ghalhekk l-esponenti kellu jbattlu billi l-kumpanija ma kienetx ghadha hadet il-merkanzija kollha u l-esponenti ha l-kumplament tal-merkanzija li kien hemm u poggih fil-garage ta' magenbu u nfurma dwar dan lil

Noel Mifsud u qallu li jista’ liberament jigi ghall-merkanzija purche jhallas il-bilanc ta’ Lm450.

Minflok ma hallas, huwa mar l-ghassa u l-ispettur baghat ghall-esponenti. L-esponenti irrepeta l-istess kliem li huwa ried flus u mhux karti. Il-kumpanija u Mifsud irrifjutaw li jhallsu dan il-bilanc u s-sitwazzjoni baqghet hekk.

L-esponenti baqa’ konsistentement jghid li huwa kien dispost li jhalli lill-kumpanija tiehu l-merkanzija purche li huwa jhallas il-bilanc tal-kera.
Illum il-gurnata pero’ gara illi l-esponenti ddecieda li jimxi mod iehor u fil-fatt il-kumpanija u Noel Mifsud kellhom jigu ghall-merkanzija kollha fid-19 ta’ Jannar 2007 izda ma haduhiex kollha u hallew kwantita ta’ nbid u ghalhekk l-esponenti qed jiehu l-passi sabiex dan jigi depozitat skond il-ligi.

Illi ghalhekk din il-kawza saret frivolozament u abbuzivament u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li ma sar ebda rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Talba u kontestazzjoni**

Dina l-kawza tirrigwarda talba tar-rikorrenti biex l-intimati jhallsu s-somma ta’ Lm 12,000 jew somma verjuri rapprezentanti merkanzija (inbid) proprejta’ tas-socjeta rikorrenti li l-intimati zammew ghandhom u ma rritornawx, kif ukoll talba ghall danni konsegwenzjali.

L-intimati wiegbu li huma kienu dejjem lesti li jhallu lir-rikorrenti jiehdu lura l-merkanzija purche jhallsu l-bilanc tal-kera tal-post fejn kienet storjata l-merkanzija.

**Fatti**

Li gara f'dan il-kaz kien li r-rikorrenti kienu krew garage minghand l-intimat biex jistorjaw merkanzija, konsistenti f'inbid. Billi r-rikorrenti kienu waqghu lura fil-pagamenti tal-kera, l-intimat kien beda jigri wara r-rikorrent biex ihallsu l-kera, izda beda sibha difficili biex jikkuntattjah. Sar jaf li r-rikorrent kien qed jiehu l-merkanzija mill-garage bil-lejl u ghalhekk biddel il-katnazz biex ir-rikorrent jikkuntattjah. Meta r-rikorrent ma setghax jiftah il-garage dan ikkuntattja lill intimat. Kienu wasalu ghal ftehim li l-kirja tigi terminata u r-rikorrent ihallas il-bilanc li fadal u jiehu lura l-inbid li kien hemm fil-garage. Ir-rikorrent beda jiehu l-inbid ftit ftit u f'okkazzjoni minnhom hallas Lm 200 akkont. Meta r-rikorrent wasal biex jiehu l-ahhar parti li kien fadal ta' l-inbid, l-intimat insista li l-ewwel jithallas kollox tal-kera imbaghad ir-rikorrent jiehu l-kumplament tal-merkanzia. Ir-rikorrent talab li jaghmel skrittura minflok ihallas izda l-intimat ma riedx karti izda flus. Ir-rikorrent ma hallasx u lanqas ma mar ghal merkanzija. Billi l-kirja kienet terminata, l-intimat ried jikri l-garage lill-haddiehor, ghalhekk hu caqlaq dak li fadal mil-merkanzija go garage iehor biswiet u kera l-garage. Meta r-rikorrent induna li l-garage kien inkera lill haddiehor mar ghand l-intimat biex jiehu l-merkanzija izda dana qallu li l-ewwel ihallas imbaghad jiehu l-merkanzija. Ir-rikorrent ried jara l-merkanzija qabel ihallas izda l-intimat baqa' jinsisti fuq il-hlas. Ghalhekk r-rikorrent mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija. Dawn ippruvaw iwasslu lill partijiet ghal soluzzjoni bonarja izda ma rnexxilhom, imbaghad r-rikorrent hareg sekwestru kontra l-intimat u beda b'dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-partijiet jaqblu li kien intlahaq ftehim bejnithom li l-kirja tigi terminata. L-intimat ghalhekk kien talab lir-rikorrent biex ibattal il-garage u jhallsu l-kera li kienet ghada dovuta. F'dan il-kaz kieku r-rikorrent hallas il-bilanc tal-kera dovut, li hu ma kienx qed jikkontesta, hu setgha

liberament jirtira l-merkanzija bla inkwiet ta' xejn. Imma jirrizulta li r-rikorrent ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li jhallas il-kera dovuta u ried biss jaghmel karta (skrittura) li kellu jaghti u jiehu l-inbid, haga li ma kienitx accettabili ghall-intimat billi r-rikorrent kien diga drabi ohra  qabel jirtira xi inbid u ma hallsux. L-intimat ma riedx jitlaq il-merkanzija minn idejh qabel ma jithallas ta' kollox ghax inkella ma kienx jerga' jarah lir-rikorrenti.

Illi dwar il-jedd ta' kreditur li jzomm il-haga tad-debitur fil-pussess tieghu, jinghad li l-ligi taghna taghti gharfien limitat f'dan i-rigward. (Art 1997(1) tal-Kap 16), mandankollu torbot il-jedd taz-zamma tal-haga ma' l-ezistenza tal jedd moghti mill-ligi. Ghalhekk mhux kull min jahseb li ghandu jedd jista' jeccepixxi l-ius retentionis; tali jedd irid ikun moghti lilu espressament mil-ligi. Il-ius retentionis huwa meqjus bhala li jidderoga mill-principju li l-ordinament giuridiku ma jippermettiex li persuna tiehu l-gustizzja b'idejha.

F'dan il-kaz  il-privilegg ta' super invectis et illatis ma japplikax billi l-privilegg japplika biss fuq dawk l-effetti mobbli li jkunu fil-fond lokat permanentement biex jarredawh. (ara PA JSP 5/10/95 Sharp vs Camilleri) waqt li fil-kaz in ezami l-inbid ma kienx arredament tal-garage imqieghed hemm permanentement imma biex jinbiegh.

Illi pero' dan id-dritt tal-ius retentionis gie accettat fil-kazijiet li jhaddnu l-istess kundizzjonijiet essenzjali bhal dawk espressament imsemmija mil-ligi u fejn ikun hemm rabta bejn il-haga mizmuma u l-kreditu tal-persuna li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga. (ara  App Civ 26.3.1968 Frank Gulia et vs Joseph Agius et ). Fil-ligi taghna minkejja li d-dritt ta' ritenzjoni m'hux minnu nnifsu jedd ta' priviliegg jew kawza ta' preferenza, l-istess kawzi ta' preferenza ma jnaqqsu xejn mis-sahha ta' tali jedd fejn japplika. (ara PA JRM  DBC Ltd vs J.Attard. 9/12/03)

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz hemm rabta bejn il-haga mizmuma (l-inbid) u l-kreditu tal-persuna (hlas ta' kera) li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga, ghalhekk taht

dana l-aspett l-intimat kellu dritt izomm l-inbid qabel ma jithallas tal-kera tal-garage.

Il-kirja tal-post kienet giet terminata u ghalhekk l-inbid li r-rikorrent kien halla ghand l-intimat baqa' ghand l-intimat bhala depozitu. Il-jedd ta' ius retentionis spettanti lid-depozitarju jirrizulta b'mod esplicitu mill-ligi senjatament mill-artikolu 1919 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi *d-depozitarju jista' jzomm f'idejh id-depozitu sakemm jithallas ghal kollox ta' dak kollu li jkollu jiehu minhabba dak id-depozitu.*

Ghandu jigi rilevat li l-kirja kienet spiccat u c-cwievet kienu f'idejn l-intimat u setgha jikri l-garage lill terzi. L-intimat kien sposta l-inbid, li kien fadal, f'garage fil-vicin, u kien infurma lill Pulizija, meta mistoqsi ftit granet wara, fejn poggih. Nonostante dana r-rikorrent baqa' ma hallasx, u lanqas jirtira l-merkanzija. Inoltre anke meta f'Jannar ir-rikorrent ha l-merkanzija kwazi kollha hu baqa' ma hallasx lill-intimat tal-kera u lanqas ddepozitaha l-Qorti.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent biex l-intimat ihallas l-valur ta' l-inbid ma tistax tintlaqa'. Lanqas ma tista tintlaqa' t-talba ghad-danni. Fil-fatt ir-rikorrent ma gab ebda prova dwar it-telf ta' flus li jallega li sofra minhabba li hu ma setghax jiehu l-inbid mill-garage u jbieghu. Ma gab ebda prova konkreta (bhal xi lista) li tilef xi kljenti. Lanqas ma gab *sales records* biex juri x'kien il-biegh tieghu dak iz-zmien. Dwar l-allegazzjoni li l-inbid abjad kien skada u ghalhekk ma kienx irtirah, din bl-ebda mod ma giet sostanzjata u pruvata. Imma anke kieku kellu jigi pruvat li l-inbid kien skada, (pero testijiet ma sarux fuqu) it-tort ma kienx ikun ta' l-intimat imma ta' l-istess rikorrent, li ghax ma hallasx dak li kien dovut u ammess minnhu, ma setghax jirtira l-inbid.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Billi prevja li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati
Tichad it-talbiet tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------